MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 373/2010/1

**Direttur tad-Dipartiment Ghal**
**Standards fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Anita Maria Horry nee` Montebello**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenuta rikorrenti Anita Maria Horry (detentrici tal-karta tal-Identita` numru 298276

(M)), li permezz tieghu, u ghar-ragunijiet fih imsemmija talbet kif ser jinghad, jigifieri li din il-Qorti:

(1) tisma' dan ir-rikors b'urgenza, bid-dispensa tal-ferjat u bl-abbrevjazzjoni tat-termini stante c-cirkostanzi tal-kaz;

(2) tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet: "Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali v. Anita Maria Horry nee` Montebello" (Citazzjoni Numru 128/2009/AF) minnufih u provvizorjament, sakemm jigi definit il-mertu ta' dan ir-rikors;

(3) tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru, 2010, fl-ismijiet: "Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali v. Anita Maria Horry nee` Montebello" (Citazzjoni Numru 128/2009/AF), prevja kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2010 li fih *inter alia*, hija ordnat is-sospensjoni *contrario imperio* tal-ezekuzzjoni tad-digriet taghha antecedenti, moghti in data tal-15 ta' Dicembru 2010 dwar il-kustodja u l-hrug ta' passaport lill-minuri, kif ukoll appuntat ghas-smigh ir-rikors in ezami dwar it-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010 surreferita b'urgenza u bid-dispensa tal-ferjat ghal-lum, 17 ta' Dicembru 2010 fl-10.30am.

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat li dan ir-rikors in dizamina sar in konsegwenza ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell in data tat-3 ta' Dicembru 2010, li hassret u rrevokat sentenza li nghatat aktar qabel, jigifieri fit-30 ta' Settembru, 2010 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi. In forza tas-sentenza fit-tieni istanza, it-talbiet tad-Diretttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien

Socjali gew milqughin u fiha gie wkoll orndat ir-ritorn immedjat tal-minuri Michael Robert Montebello gewwa Spanja, u bl-ordni lill-imsemmi Direttur sabiex jiehu dawk il-passi kollha mehtiega u opportuni sabiex jara li l-minuri jigi hemm ritornat, bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-appellata (f'dik il-procedura Anita Maria Horry nee` Montebello).

Ikkunsidrat li r-rikorrenti, kontestwalment mar-rikors in ezami, ressqet rikors iehor b'talba ghall-fini ta' ritrattazzjoni tal-kawza surreferita liema kawza kienet giet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010.

Ikkunsidrat li, permezz ta' dan ir-rikors, l-imsemmija rikorrenti qeghdha tissottometti li skont l-Artikolu 823 tal-Kap.12, hemm lok li jkun hemm is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza impunjata, kif hija qeghdha titlob u dan a bazi ta' ragunijiet li, in succint, ser jissemmew hawn taht.

Illi, skont ir-rikorrenti, hija kellha qabel xejn tissodisfa zewg rekwiziti essenzjali, jigifieri:

1). li hija trid iggib garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza impunjata fil-kaz li din ma tigix imhassra, liema garanzija ghandha tigi maghduda skont kif jiddisponi l-Artikolu 266(10) tal-Kap. 12 u;

2). li turi, ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lill-istess rikorrenti milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-kontro-parti.

Illi f'dan l-istadju tajjeb li jigi rilevat qabel xejn li bis-sahha tad-digriet ta' din il-Qorti moghti kameralment l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti gew awtomatikament ezawriti peress dak li intalab permezz taghhom gie milqugh diga`. Isegwi ghalhekk li dak li fadal x'tigi deciza hija t-tielet u l-ahhar talba li fiha din il-Qorti qeghdha tintalab ukoll li tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fil-pendenza tal-procedura ghall-fini ta' ritrattazzjoni tas-sentenza

deciza fl-Appell fit-3 ta’ Dicembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet surreferiti.

Illi fir-rigward tal-ewwel rekwizit fuq imsemmi, ir-rikorrenti appellanti zzid li din il-garanzija m’hemmx ghalfejn li tinghata mal-prezentata tar-rikors imma anke fil-mori. Fi kwalsiasi kaz, diga` tezisti garanzija idoneja f’kaz ta’ ezitu sfavorevoli ghat-talbiet taghha, oltre li diga` ttiehdu l-mizuri prekawzjonarji fir-rigward tal-minuri li kellhom jittiehdu.

Dwar it-tieni pregudizzju, ir-rikorrenti tissottometti li dak li trid turi huwa li l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lilha milli jkun hemm sospensjoni taghha. Tissottometti “li dan il-proporzjon fil-holqien tal-pregudizzju irid jigi muri sal-grad tal-probabbli”, kif jemergi mill-kwalifika “aktarx” fit-test tal-ligi.

Skont ir-rikorrenti, jekk il-minuri jitlaq minn Malta, a tenur tas-sentenza, ikun ifisser li bhala fatt il-mertu tal-azzjoni *ai termini* tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 ikun gie ezawrit, oltre li f’kaz ta’ ezitu pozittiv tat-talbiet taghha fil-procedura tar-ritrattazzjoni, id-drittijiet u l-interessi kemm taghha u dawk tal-minuri “ikunu pregudikati irrimedjabbilment”. Tali “zgumbrament” (sic) tal-minuri jkun “bil-wisq aktar oneruz mill-pregudizzju li jista’ jigi soffert mill-parti l-ohra”. Kwindi, hemm lok ta’ sospensjoni tas-sentenza impunjata, issostni r-rikorrenti Anita Maria Horry nee` Montebello.

Rat ir-risposta tad-Direttur imsemmi pprezentata llum 17 ta’ Dicembru 2010 fejn qed jigi sottomess li ma hemm xejn allegat fir-rikors li ghandu jwassal ghall-konsegwenza tas-sospensjoni ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza pendenti r-rikors ghar-ritrattazzjoni.

Dejjem skont l-imsemmi Direttur, dan wisq izjed meta huwa manifest li kulma ghamlet is-sentenza impunjata huwa illi ottemperat ruhha mal-obbligi ta’ Malta taht il-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Aspetti Civili tas-Sekwestru Internazzjonali tal-Minuri u mal-obbligi komunitarji ta’ Malta fir-rigward tas-Sekwestru tat-tfal. *Di piu`*, kompla l-istess Direttur, huwa wkoll evidenti li t-talba ghal

ritrattazzjoni hija biss wahda minn diversi tentattivi sabiex is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma tigix esegwita u hija ghalhekk anke ghal din ir-raguni biss ta’ ripetizzjoni ta’ impunjazzjonijiet taht diversi forom, frivola u vessatorja.

Tenut kont tan-natura tal-fatti in kawza, din il-Qorti jidhrilha li jkun aktar utli u opportun, minn *punto di vista* ta’ procedura, li l-ewwel tinvesti u tiddeciedi dwar it-“tieni rekwizit” – kif jissejjah mir-rikorrenti – rigwardanti l-pregudizzju ta’ kull naha, kif jissemma’ fl-Artikolu 823, subinciz 2(b) tal-Kap. 12.

Fil-kaz li din il-Qorti ssib li dan ir-rekwizit ma giex sodisfatt sufficjentement, hija tkun tista’ tieqaf hawn, mentri jekk dan ir-rekwizit ikun gie sufficjentement sodisfatt, allura l-Qorti tghaddi biex tiddeciedi wkoll dwar “l-ewwel rekwizit” li jikkoncerna t-tqeghid ta’ garanzija idonea fir-rigward tal-procedura ghal ritrattazzjoni.

L-Artikolu 823(2)(b) jipprovdi li l-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista’ tordna t-twaqqif ta’ ezekuzzjoni tas-sentenza jekk:

“(b) jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.”

Issa huwa aktar minn ovvju li f’kazijiet bhal dak in ezami, pregudizzju naha jew ohra <u>dejjem</u> ser ikun hemm. Ikun ghalhekk fl-ewwel lok essenzjali li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-principju regolatur huwa dak li l-ligi stess tispecifika fl-ewwel (1) subinciz tal-Artikolu 823, jigifieri li:

“It-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata.”

Fi kliem iehor, dak li jinghad fit-tieni (2) subinciz ghandu jitqies bhala li huwa l-eccezzjoni ghar-regola u mhux bil-kontra. Din l-eccezzjoni tigi milqugha jew michuda fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti u dan taghmlu biss “ghal raguni tajba” (ara Artikolu 823(4) tal-Kap. 12).

Barra minn dan, jigi rilevat ukoll li l-procedura ta' ritrattazzjoni hija fiha nfisha procedura "ta' natura" eccezzjonali u straordinarja oltre li tista' tinghata biss ghal xi wahda mir-ragunijiet li jissemmew tassattivament fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12, m'ghandha qatt tigi abbuzata.

Maghdud is-suespost, u wara li qieset l-aspetti kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxilhiex turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza x'aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lir-rikorrenti milli ghall-parti avversa. Kif gia` nghad, ammont ta' pregudizzju bilfors ikun hemm f'kawzi bhal dawn, kemm fuq naha u kemm fuq ohra. Imma hawnhekk diga` giet ikkreata sitwazzjoni jew jezisti stat ta' fatt fejn procedura li giet mibdija fis-7 ta' Awwissu 2009 hadet sat-3 ta' Dicembru 2010 biex tigi determinata finalment mill-Qorti tal-Appell u li sal-lum, din is-sentenza minkejja li ghaddew gia` erbatax-il gurnata ohra minn mindu nqatghet, ghadha ma gietx esegwita. Barra minn dan, hemm ukoll pronuncjament ulterjuri, b'ezitu negattiv ghar-rikorrenti, li jkompli jimmilita kontra t-talba taghha ghall-fini tas-sospensjoni tas-sentenza, konsistenti f'digriet li in forza tieghu giet michuda talba tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Civili ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Din il-Qorti lanqas tikkondividi li f'kaz ta' ezitu eventwali pozittiv ghar-rikorrenti odjerna, fil-procedura ta' ritrattazzjoni, l-allontament tal-minuri lejn Spanja ai termini tas-sentenza moghtija fit-3 ta' Dicembru 2010 surreferita tikkrea xi "pregudizzju irrimedjabbli" kif sottomess minnha. Ghall-kuntrarju, din il-Qorti hija tal-fehma li kull dewmien ulterjuri, anke ta' granet, ikun qieghed biss iservi biex ikompli jirrendi aktar oneruz il-pregudizzju li gia` kellha ggarrab il-parti avversa li favuriha nqatghet is-sentenza li giet moghtija mill-Qorti tal-Appell kif fuq inghad. Isegwi ghalhekk mis-suespost li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' pregudizzju, il-probabbilita` hija li dan, fil-kaz li kellha tigi milqugha t-talba ghall-fini ta' sospensjoni tas-sentenza surreferita, x'aktarx ikun akbar ghall-parti li otteniet gudizzju finali favuriha milli kif gie argomentat u sottomess mir-rikorrenti. U dan ukoll tenut kont ta' dak li gie deciz fis-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010, li taghha qeghdha

tintalab ir-ritrattazzjoni fil-kontest ta' dak li intqal dwar il-"proper forum".

Illi ghalhekk lanqas jidher li hu l-kaz li jigi mistharreg u deciz ukoll ir-rekwizit dwar garanzija xierqa.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez relattivi kontra taghha, b'dan ghalhekk li qeghdha wkoll tirrikonferma d-digriet taghha tal-15 ta' Dicembru 2010 fejn kienet awtorizzat lid-Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards tal-Harsien Socjali biex jiehu l-kustodja fizika tal-minuri u jaghmel l-atti kollha necessarji u ancillari konformement mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------